ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# C 286

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

22 ta' Settembru 2012

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|


I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

| | | |
|---|---|---|
| 2012/C 286/01 | Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Settembru 2012 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland (BĊE/2012/20) | 1 |

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

| | | |
|---|---|---|
| 2012/C 286/02 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 2 |
| 2012/C 286/03 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 4 |
| 2012/C 286/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6490 – EADS/Israel Aerospace Industries/JV) (1) | 6 |
| 2012/C 286/05 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6560 – EQT VI/BSN Medical) (1) | 6 |


MT

**Prezz: EUR 3**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2012/C 286/06 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5979 – KGHM/Tauron Wytwarzanie/JV) [1] ... 7

2012/C 286/07 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6628 – Třinecké Železárny/ŽDB Drátovna) [1] ... 7

2012/C 286/08 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6678 – Procter & Gamble/Arbora) [1] 8

**Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku**

2012/C 286/09 Parir tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Lulju 2012 ippreżentat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward tal-użu ta' derivati OTC minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BERS/2012/2) ... 9

2012/C 286/10 Parir tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Lulju 2012 ippreżentat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-kollateral għal CCPs (BERS/2012/3) ... 13

III *Atti preparatorji*

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku**

2012/C 286/11 Deċiżjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-13 ta' Lulju 2012 li timplimenta regoli dwar il-protezzjoni tad-data fi ħdan il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS/2012/1) ... 16

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 286/12 Rata tal-kambju tal-euro ... 20

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-14 ta' Settembru 2012**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland**

**(BĊE/2012/20)**

(2012/C 286/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni li għandu bħalissa l-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2011. Huwa għal-hekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.

(3) Il-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għażel lil RSM Farrell Grant Sparks bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2012 sa 2016,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi RSM Farrell Grant Sparks għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għas-snin finanzjarji 2012 sa 2016.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-14 ta' Settembru 2012.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/02)

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 30.7.2012 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.35144 (12/N) | |
| Stat Membru | L-Ungerija | |
| Reġjun | — | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Prolongation of Hungarian Liquidity scheme for banks | |
| Il-bażi legali | Article 44 (Chapter VII) of Act CXCIV of 2011 on the Stability of Hungarian Economy | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Rimedju għal tħarbit serju fl-ekonomija | |
| Il-forma tal-għajnuna | Self f'imgħax favorevoli | |
| L-estimi | Baġit globali: HUF 11 008 000 (f'miljuni) | |
| L-intensità | — | |
| It-tul ta' żmien | 30.7.2012-31.12.2012 | |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, barra assigurazzjoni u flus mogħtija għal pensjoni | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministry for National Economy<br>Budapest<br>József nádor tér 2–4.<br>1051<br>MAGYARORSZÁG/HUNGARY | |
| Aktar informazzjoni | — | |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 30.7.2012 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.35145 (12/N) | |
| Stat Membru | L-Ungerija | |
| Reġjun | — | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Prolongation of the Hungarian bank support scheme | |
| Il-bażi legali | Act CIV of 2008 on the Reinforcement of the Stability of the Financial Intermediary System | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Rimedju għal tħarbit serju fl-ekonomija | |
| Il-forma tal-għajnuna | Oħrajn | |
| L-estimi | Baġit globali: HUF 300 000 (f'miljuni) | |
| L-intensità | — | |
| It-tul ta' żmien | 30.7.2012-31.12.2012 | |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, barra assigurazzjoni u flus mogħtija għal pensjoni | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministry for National Economy<br>Budapest<br>József nádor tér 2–4.<br>1051<br>MAGYARORSZÁG/HUNGARY | |
| Aktar informazzjoni | — | |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

**Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/03)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 27.6.2012 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33994 (11/N) |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Brandenburg |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | BFB II (3. Änderung) |
| Il-bażi legali | Haushaltsordnung des Landes Brandenburg mit den zugehörigen Verwaltungsvorschriften vom 21. April 1999 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kapital ta' riskju |
| Il-forma tal-għajnuna | Provvista ta' kapital ta' riskju |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 30 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerium für Wirtschaft des Landes Brandenburg<br>Heinrich-Mann-Allee 107<br>14473 Potsdam<br>DEUTSCHLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 18.6.2012 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.34168 (12/N) |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | Comunidad Autónoma Euskera |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Ayudas a la producción editorial de carácter literario en el País Vasco |
| Il-bażi legali | Orden 2012 de la Consejera de Cultura, por la que se regula y convoca la concesión de ayudas a la producción editorial de carácter literario en euskera |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 0,483 miljun<br>Baġit globali: EUR 1,449 miljun |
| L-intensità | 70 % |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2014 |
| Setturi ekonomiċi | Il-Midja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Dirección de Promoción de la Cultura<br>C/ Donostia-San Sebastián, 1<br>01010 Vitoria-Gasteiz<br>Álava, País Vasco<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6490 – EADS/Israel Aerospace Industries/JV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/04)

Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32012M6490. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6560 – EQT VI/BSN Medical)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/05)

Fis-7 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32012M6560. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5979 – KGHM/Tauron Wytwarzanie/JV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/06)

Fit-23 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32012M5979. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6628 – Třinecké Železárny/ŽDB Drátovna)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/07)

Fl-4 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32012M6628. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6678 – Procter & Gamble/Arbora)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/08)

Fis-27 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32012M6678. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

# BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## PARIR TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-31 ta' Lulju 2012**

**ippreżentat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward tal-użu ta' derivati OTC minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji**

**(BERS/2012/2)**

(2012/C 286/09)

1. **Sfond legali**

1.1. L-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet [1] jistipula li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għandha tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u ma' awtoritajiet rilevanti oħra dwar l-iżvilupp ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw: (a) il-kriterji biex jiġi stabbilit liema derivati *over-the-counter* (OTC) jistgħu jitkejlu oġġettivament bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew ta' finanzjament tat-teżor imsemmija fl-Artikolu 10(3); u (b) il-valuri tal-limiti minimi tal-ikklerjar li, meta jinqabżu, il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jridu jikklerjaw id-derivati tagħhom fil-ġejjieni permezz ta' kontropartijiet ċentrali (CCPs — central counterparties), li jiġu determinati filwaqt li jiġu kkunsidrati r-rilevanza sistemika tas-somma tal-pożizzjonijiet netti u l-iskoperturi għal kull kontroparti u għal kull klassi ta' derivati OTC.

1.2. Fis-26 ta' Ġunju 2012 il-BERS irċieva talba mingħand l-AETS għal parir dwar il-punti msemmija aktar 'il fuq, b'referenza għad-dokument ta' konsultazzjoni tal-AETS ippubblikat fil-25 ta' Ġunju 2012 [2].

1.3. Bi qbil mal-Artikoli 3(2)(b) u (g) u 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [3], il-Bord Ġenerali tal-BERS adotta dan il-Parir, li qiegħed jiġi ppubblikat skont l-Artikolu 30 tad-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [4].

2. **Sfond ekonomiku**

2.1. Il-kuntratti tad-derivati OTC jintużaw minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji l-aktar għall-iskop ta' *hedging* ta' attivitajiet ta' finanzjament kummerċjali u tat-teżor. Kull definizzjoni ta' limitu minimu tal-ikklerjar għandha, bħala prinċipju, tiżgura li jintlaħqu dawn l-għanijiet ta' politika:

(a) L-integrità tas-suq għandha tiġi mħarsa u t-trasparenza tiegħu għandha tkun żgurata. Il-leġiżlaturi jistgħu jibdew mis-suppożizzjoni li jeħtiġilhom jiżguraw – mill-aspett makroprudenzjali – li l-ogħla perċentwali tat-tranżazzjonijiet kollha ta' derivati minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji jridu jiġu kklerjati ċentralment biex jitnaqqas ir-riskju tal-kontroparti fis-suq. Il-leġiżlaturi jistgħu jkunu jixtiequ jiżguraw ukoll li l-korporazzjonijiet kollha li huma esposti għall-attivitajiet tad-derivati sa ċertu proporzjon tal-karta tal-bilanċ totali tagħhom jiġu trattati l-istess, hu x'inhu d-daqs tagħhom.

(1) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 21.
(2) Id-dokument ta' konsultazzjoni tal-AETS "Draft technical standards for the Regulation on OTC derivatives, CCPs and trade repositories", ippubblikat bl-Ingliż fil-websajt tal-AETS: http://www.esma.europa.eu
(3) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
(4) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

(b) L-ammont totali ta' derivati miżmum minn korporazzjoni mhux finanzjarja, hu x'inhu l-użu li għalih huma maħsuba, għandu jkun rifless b'mod xieraq fil-bażi tal-kalkolu. Mill-perspettiva tal-istabbiltà finanzjarja, ir-riskju jinħoloq mid-daqs (relattiv) tal-pożizzjonijiet tad-derivati, hu x'inhu l-iskop tagħhom.

2.2. F'numru ta' setturi tas-suq, bħas-swieq tal-komoditajiet, li qabel kienu jintlaħqu l-aktar mill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, l-użu tad-derivati OTC għal skopijiet ta' spekulazzjoni, investiment jew negozju sar predominanti. Din sa ċertu punt hi reazzjoni għad-dħul tal-istituzzjonijiet finanzjarji f'dawn is-swieq, dak li hu magħruf bħala l-proċess ta' *financialisation.* Din is-sitwazzjoni titlob approċċ prudenti għar-riskji li jġib miegħu l-użu ta' derivati minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

2.3. Id-definizzjonijiet tal-attivitajiet ta' finanzjament kummerċjali u tat-teżor għandhom ikunu kemm jista' jkun dettaljati u oġġettivi, u ma jħallu l-ebda lok għal interpretazzjonijiet differenti jew tidwir mal-liġi, billi l-konsegwenzi ta' jekk id-definizzjoni tkunx ġiet sodisfatta jew le jistgħu jkunu sinifikanti.

2.4. Wara analiżi dettaljata ([1]), il-BERS qiegħed jipproponi li l-limiti minimi jiġu kkalkulati f'żewġ fażijiet bl-għan li tiġi mħarsa l-integrità tas-suq u tiġi żgurata t-trasparenza tiegħu, u mhux li jitħarsu l-interessi tal-parteċipanti individwali tas-suq. L-għan hu wkoll li jiġi żgurat li jitqiesu kif jixraq ir-riskji marbuta maż-żamma ta' derivati minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

2.5. Id-derivati miżmuma fil-kuntest tal-attivitajiet ta' finanzjament kummerċjali u tat-teżor mhumiex ħielsa mir-riskji minħabba li, fil-każijiet fejn ma jkunux ġew ipprezzati kif jixraq, jistgħu jwasslu għal livell għoli ta' *hedging* li ma jkunx effiċjenti u li jista' jkollu konsegwenzi sistemiċi.

2.6. Mill-pożizzjoni makroprudenzjali, hu preferibbli li l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jikklerjaw id-derivati tagħhom permezz tal-kontropartijiet ċentrali billi jħallsu l-marġini iktar milli billi jakkwistaw servizzi simili minn banek wara li jħallsu dritt. Hemm ir-riskju li d-drittijiet bankarji, li essenzjalment huma riżorsi li jitilqu mill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, ma jipprezzawx ir-riskju kif jixraq, kemm min-naħa tal-banek kif ukoll min-naħa tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

## 3. Definizzjonijiet

*Definizzjoni ta' attivitajiet ta' finanzjament kummerċjali u tat-teżor*

3.1. Il-BERS jilqa' l-ħidma li saret mill-AETS fid-definizzjoni tal-attivitajiet ta' finanzjament kummerċjali u tat-teżor u jaqbel b'mod ġenerali mar-riżultati ta' din il-ħidma, suġġett għal dan li ġej:

3.2. L-attivitajiet kummerċjali tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji għandhom jirreferu għal partiti speċifiċi fil-karta tal-bilanċ u, b'mod aktar speċifiku, għan-negozju ewlieni tal-korporazzjoni mhux finanzjarja, jiġifieri, l-istokks, l-ammonti pagabbli, l-ammonti riċevibbli, il-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir. Il-kunċetti ta' "spiża kapitali" u "spiża operattiva" għandhom jiddaħħlu fid-definizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali, billi r-referenza għad-definizzjoni ta' attivitajiet kummerċjali li tinsab fl-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju tista' ma tkunx l-aħjar waħda. L-ogħla livell ta' derivati marbut mal-attivitajiet kummerċjali tal-korporazzjoni mhux finanzjarja għandu jkun l-ammont tal-istokks, tal-ammonti pagabbli, tal-ammonti riċevibbli, tal-proprjetà, tal-impjanti u tat-tagħmir miżmum fil-karta tal-bilanċ.

3.3. L-attivitajiet ta' finanzjament tat-teżor għandhom jiġu definiti bl-użu tad-dikjarazzjoni ta' likwidità tal-korporazzjoni mhux finanzjarja, biex jiġi stabbilit li dawn l-attivitajiet għandhom ikunu limitati għal-likwidità li tkun ġiet iġġenerata matul is-sena mill-attivitajiet ta' finanzjament tal-korporazzjoni mhux finanzjarja.

*Definizzjoni tal-limiti minimi tal-ikklerjar*

3.4. Il-BERS jilqa' l-ħidma li saret mill-AETS dwar id-definizzjoni tal-limiti minimi tal-ikklerjar, suġġett għal dan li ġej:

3.5. Il-limiti minimi inizjali tal-ikklerjar għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji għandhom ikunu msejsa fuq prinċipji makroprudenzjali ċari, bil-possibbiltà li dawn jiżdiedu wara kull rieżami ieħor li jista' jsir skont il-ħtieġa.

3.6. Għandu jinstab bilanċ bejn il-kumplessità tal-kalkolu tal-limitu minimu tal-ikklerjar u l-mitigazzjoni tar-riskji marbuta maż-żamma ta' derivati OTC minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

([1]) Ara t-tweġiba tal-BERS "Macro-prudential stance on the use of OTC derivatives by non-financial corporations in response to a consultation by ESMA based on Article 10 of the EMIR Regulation", ippubblikata bl-Ingliż fil-websajt tal-BERS: http://www.esrb.europa.eu

3.7. Għadd limitat ta' klassijiet ta' derivati OTC għandu jkun definit, u dan għandu jkun suġġett għal rekwiżiti differenti fir-rigward tal-limiti minimi tal-ikklerjar.

3.8. Il-limiti minimi tal-ikklerjar m'għandhomx jiġu definiti skont il-kontroparti, billi b'hekk tiżdied il-kumplessità tas-sistema bla ma jinkisbu benefiċċji sostanzjali.

3.9. Il-valuri gross tas-suq għad-definizzjoni tal-limiti minimi tal-ikklerjar għandhom jiġu preferiti għall-valuri nozzjonali billi b'hekk tkun qiegħda tingħata stampa aktar preċiża tal-valur tas-suq tad-derivati miżmuma mill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u jkun jista' jintuża approċċ aktar preċiż fir-rigward tar-riskju li dawn id-derivati joħolqu għas-sistema. Il-kalkolu tal-limiti minimi tal-ikklerjar għandu jsir bi frekwenza fissa, bil-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jżidu din il-frekwenza fi żminijiet ta' kriżi finanzjarja.

3.10. Il-limitu minimu tal-ikklerjar għal kull klassi ta' derivati OTC, suġġett għall-kalibrazzjoni tal-limitu minimu tal-ikklerjar f'żewġ fażijiet f'Taqsima 4, għandu jiġi definit hekk:

(a) Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom ikunu suġġetti għal-limiti minimi tal-ikklerjar se jiġu assenjati f'żewġ *subsets* skont il-kriterji li ġejjin:

$$\frac{TD\ (x)}{CR\ (x)} > \delta \text{ u } \frac{TD\ (x)}{CR\ (x)} \leq \delta$$

fejn:

— TD (x) hu l-valur gross tas-suq tad-derivati kollha miżmuma mill-korporazzjoni mhux finanzjarja x,

— CR (x) hu l-ammont miżmum tal-kapital u r-riżervi tal-korporazzjoni mhux finanzjarja x.

(b) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom il-valur kif definit f'(a) jaqbeż il-valur ta' δ il-limitu minimu tal-ikklerjar għandu jkun definit kif ġej:

$$\frac{NCNTFD\ (x)}{GMVCD} > \varepsilon \text{ jew } NCNTFD\ (x) > \varepsilon'$$

fejn:

— NCNTFD (x) hu l-valur gross tas-suq tad-derivati ta' finanzjament mhux kummerċjali jew mhux tat-teżor miżmuma mill-korporazzjoni mhux finanzjarja x,

— GMVCD hu l-valur gross tas-suq, skont il-klassi ta' derivati OTC, għall-kontropartijiet kollha rrappurtati fid-dinja kollha fil-bażi tad-dejta tal-Bank tas-Saldi Internazzjonali dwar l-istatistika tas-swieq tad-derivati OTC.

(c) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom il-valur kif definit f'(a) ma jaqbiżx il-valur ta' δ il-limitu minimu tal-ikklerjar għandu jkun definit kif ġej:

$$\frac{NCNTFD\ (x)}{GMVCD} > \gamma \text{ jew } NCNTFD\ (x) > \gamma'$$

4. **Kalibrazzjoni tal-limitu minimu tal-ikklerjar f'żewġ fażijiet**

L-approċċ f'żewġ fażijiet għandu jsir kif ġej:

(a) Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji għandhom jiġu assenjati f'żewġ *subsets* skont il-kriterji li ġejjin:

$$\frac{TD\ (x)}{CR\ (x)} > 0{,}03 \text{ u } \frac{TD\ (x)}{CR\ (x)} \leq 0{,}03$$

(b) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom il-valur kif definit f'(a) jaqbeż 0,03, għandhom jgħoddu l-limiti minimi li ġejjin għal kull klassi ta' derivati OTC:

$$\frac{\text{NCNTFD (x)}}{\text{GMVCD}} \times 1\,000\,000 > \varepsilon$$

(i) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' kreditu, $\varepsilon_A$ = 8,4.

(ii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' ekwitajiet, $\varepsilon_B$ = 9,4.

(iii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' rati tal-imgħax, $\varepsilon_C$ = 12,4.

(iv) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati tal-kambju, $\varepsilon_D$ = 13,4.

(v) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' prodotti bażiċi u derivati OTC oħra, $\varepsilon_E = \beta_E$ = 9,4.

(c) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom il-valur kif definit f'(a) ma jaqbiżx 0,03, għandhom jgħoddu l-limiti minimi li ġejjin għal kull klassi ta' derivati OTC:

$$\frac{\text{NCNTFD (x)}}{\text{GMVCD}} \times 1\,000\,000 > \gamma$$

(i) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' kreditu, $\gamma_A$ = 25,2.

(ii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' ekwitajiet, $\gamma_B$ = 28,2.

(iii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' rati tal-imgħax, $\gamma_C$ = 37,2.

(iv) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati tal-kambju, $\gamma_D$ = 40,2.

(v) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' prodotti bażiċi u derivati OTC oħra, $\gamma_E$ = 28,2.

(d) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom il-valur kif definit f'(a) jaqbeż 0,03, għandhom jgħoddu l-limiti minimi li ġejjin derivati bħala ammonti assoluti:

NCNTFD (x) > ε'

(i) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' kreditu, $\varepsilon'_A$ = EUR 13-il miljun.

(ii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' ekwitajiet, $\varepsilon'_B$ = EUR 7 miljun.

(iii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' rati tal-imgħax, $\varepsilon'_C$ = EUR 151 miljun.

(iv) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati tal-kambju, $\varepsilon'_D$ = EUR 31 miljun.

(v) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' prodotti bażiċi u derivati OTC oħra, $\varepsilon'_E$ = EUR 16-il miljun.

(e) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom il-valur kif definit f'(a) ma jaqbiżx 0,03, għandhom jgħoddu l-limiti minimi li ġejjin derivati bħala ammonti assoluti:

NCNTFD (x) > γ'

(i) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' kreditu, $\gamma'_A$ = EUR 39 miljun.

(ii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' ekwitajiet, $\gamma'_B$ = EUR 20 miljun.

(iii) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' rati tal-imgħax, $\gamma'_C$ = EUR 453 miljun.

(iv) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati tal-kambju, $\gamma'_D$ = EUR 92 miljun.

(v) Limitu minimu tal-ikklerjar għal derivati ta' prodotti bażiċi u derivati OTC oħra, $\gamma'_E$ = EUR 48 miljun.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Lulju 2012

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI

# PARIR TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-31 ta' Lulju 2012**

**ippreżentat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-kollateral għal CCPs**

**(BERS/2012/3)**

(2012/C 286/10)

## 1. Sfond legali

1.1. L-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet [1] jistipula li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għandha tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u ma' awtoritajiet rilevanti oħra dwar l-iżvilupp ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-kollateral eliġibbli għall-kontropartijiet ċentrali (CCPs — central counterparties). B'mod partikolari, il-konsultazzjoni għandha x'taqsam mat-tliet punti li ġejjin: (a) it-tip ta' kollateral eliġibbli li jista' jitqies bħala likwidu ħafna; (b) it-tnaqqis impost (*haircuts*) li għandu jiġi applikat għall-valuri tal-assi; u (c) il-kundizzjonijiet li skonthom garanziji tal-banek kummerċjali jistgħu jiġu aċċettati bħala kollateral mis-CCPs.

1.2. Fis-26 ta' Ġunju 2012 il-BERS irċieva talba mingħand l-AETS għal parir dwar il-punti msemmija aktar 'il fuq, b'referenza għad-dokument ta' konsultazzjoni tal-AETS ippubblikat fil-25 ta' Ġunju 2012 [2].

1.3. Bi qbil mal-Artikoli 3(2)(b) u (g) u 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabblixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [3], il-Bord Ġenerali tal-BERS adotta dan il-Parir, li qiegħed jiġi ppubblikat skont l-Artikolu 30 tad-Deċiżjoni ESRB/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [4].

1.4. Il-mandat tal-BERS, kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 jinkludi s-sorveljanza tas-sistema finanzjarja kif definita fl-Artikolu 2(b) [5] tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010; din tinkludi l-infrastrutturi tas-sistema finanzjarja bħas-CCPs u l-irwol tagħhom fi ħdan is-sistema finanzjarja.

## 2. Sfond ekonomiku

2.1. Is-CCPs huma l-qofol tas-sistema finanzjarja u dan l-irwol ser jikber bl-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-G20 ta' Pittsburgh tal-2009 biex id-derivati *over-the-counter* (OTC) standardizzati kollha jiġu kklerjati ċentralment. Meta jsir l-abbozz tal-leġiżlazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati l-preokkupazzjonijiet makroprudenzjali dwar il-proċikliċità. Il-BERS iqis li l-kwistjoni tal-proċikliċità m'għandhiex tkun limitata għall-impatt immedjat fuq is-saħħa tas-CCPs infushom, u li għandha tintrabat ukoll mal-influwenza tal-imġiba tas-CCPs fuq is-sistema finanzjarja f'livell aktar wiesa'.

2.2. Il-BERS qiegħed jistieden lill-awtoritajiet makroprudenzjali biex fl-ewwel rieżami li hemm skedat għall-EMIR (ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew) iqisu l-aspett kruċjali tal-użu potenzjali tat-tnaqqis impost (*haircuts*) u l-marġini applikati għall-kollateral bħala għodod makroprudenzjali.

2.3. Il-BERS jirrikonoxxi li, waqt li għandu jsir kull sforz biex il-proċikliċità tiġi limitata, dan m'għandu qatt isir b'detriment għas-saħħa tas-CCPs.

---

(1) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 39.
(2) Id-dokument ta' konsultazzjoni tal-AETS "Draft technical standards for the Regulation on OTC derivatives, CCPs and trade repositories", ippubblikat bl-Ingliż fil-websajt tal-AETS: http://www.esma.europa.eu
(3) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
(4) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
(5) L-Artikolu 2(b) jgħid li "sistema finanzjarja" tfisser l-istituzzjonijiet, is-swieq u l-prodotti finanzjarji u l-infrastrutturi tas-suq kollha.

3. **It-tip ta' kollateral li jista' jitqies bħala likwidu ħafna**

3.1. Kull referenza għall-pajjiż fejn ikun stabbilit l-emittent għandha titneħħa mir-rekwiżit ta' riskju ta' kreditu baxx billi dan ir-riskju normalment ikun diġa kkunsidrat fil-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-emittent.

3.2. CCPs għandhom ikollhom grad għoli ta' ċertezza li t-trasferibbiltà u l-valur tal-kollateral:

— ma jkunux imxekkla minn drittijiet ta' konkorrenza favur partijiet terzi,

— ikunu żgurati permezz tat-tneħħija tal-pussess mingħand id-donatur tal-kollateral,

— ma jkunux suġġetti għall-karatterizzazzjoni mill-ġdid mil-liġijiet dwar it-titoli u l-kollateral fil-każ li ssir klejm mid-donatur tal-kollateral jew minn parti terza, u

— ma jkunux annullabbli bil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ta' pajjiż terz dwar l-insolvenza waqt proċedimenti ta' insolvenza kontra membru tal-ikklerjar jew kontra xi donatur ieħor tal-kollateral.

3.3. Is-CCPs għandhom ikollhom salvagwardji legali u operattivi xierqa biex jiżguraw li l-kollateral transkonfinali jkun jista' jintuża f'ħinu u f'waqtu.

3.4. L-aċċettazzjoni ta' kollateral maħruġ minn membri tal-ikklerjar għandu jkun suġġett għall-miżuri prudenzjali li ġejjin:

— l-użu ta' strumenti finanzjarji maħruġa minn membru tal-ikklerjar u mqiegħda bħala kollateral minn membru ieħor tal-ikklerjar għandu jew ikun limitat jew ikun suġġett għal tnaqqis impost (*haircuts*) li jkun ogħla minn dak applikat meta dawn ma jkunux maħruġa minn membru tal-ikklerjar; it-tieni għażla għandha tiġi vvalutata bir-reqqa minn awtoritajiet kompetenti minħabba, l-implikazzjonijiet proċikliċi li jista' jkollha.

— CCPs għandhom jaċċettaw biss titoli li jkunu kwotati fil-Borża u li jiġu negozjati pubblikament.

— il-leġiżlazzjoni għandha tistipula b'mod espliċitu kif għandhom jitkejlu r-rabtiet fil-kuntest tat-transkollateralizzazzjoni tal-membri tal-ikklerjar. Il-leġiżlazzjoni għandha tikkjarifika kif CCP trid turi l-kapaċità tagħha fil-ġestjoni tar-riskji marbuta mal-munita.

3.5. Għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' konċentrazzjoni skont il-*pool* tal-kollateral, billi aktar ma tkun diffiċli l-kisba tad-diversifikazzjoni, aktar tkun limitata l-firxa ta' kollateral eliġibbli.

3.6. Biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tas-suq, il-kapaċità ta' CCP li terġa' tuża l-kollateral jew li taċċetta kollateral ipotekat mill-ġdid għandha tiġi ċċarata mil-leġiżlazzjoni minħabba l-implikazzjonijiet makroprudenzjali kbar li din iġġib magħha.

3.7. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza għandhom japplikaw għall-eliġibbiltà u għall-użu ta' kollateral minn CCPs biex l-awtoritajiet ta' sorveljanza jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-imġiba tas-suq u d-distribuzzjoni tar-riskju tal-kollateral imwiegħed.

3.8. Il-leġiżlazzjoni dwar l-eliġibbiltà tal-kollateral għandha tkun suġġetta għal implimentazzjoni prudenti u rieżami frekwenti biex ir-riskju sistemiku jiġi kkunsidrat bir-reqqa.

4. **It-tnaqqis impost (*haircuts*) li għandu jiġi applikat għall-kollateral**

4.1. It-tnaqqis impost għandu jiġi stabbilit b'mod prudenti u jiġi definit b'mod konservattiv, biex jitħarsu s-CCPs u jiġu limitati l-effetti proċikliċi.

4.2. Mill-aspett ta' stabbiltà finanzjarja, ix-xewqa hi li jiġi limitat iċ-ċaqliq proċikliku fil-kriterji ta' aċċettazzjoni u fit-tnaqqis impost għall-kollateral tas-CCPs. Il-prattika tat-tnaqqis impost għandha titfassal b'mod li timminimizza żidiet f'daqqa u qawwija fi żminijiet ta' tensjoni fis-swieq.

4.3. Jinħtieġu proċeduri trasparenti u prevedibbli għall-aġġustament tat-tnaqqis impost bi tweġiba għat-tibdil fil-kundizzjonijiet tas-swieq.

4.4. Fid-dawl tal-Prinċipji tal-Bord ta' Stabbiltà Finanzjarja (FSB — Financial Stability Board) li ġew approvati mis-Samit tal-G20 tal-Belt tal-Messiku fl-2012, għandha tiġi evitata dipendenza mekkanistika fuq il-valutazzjonijiet tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA) ([1]).

4.5. Is-CCPs għandhom jintalbu juru lill-awtorità kompetenti li mhumiex joqogħdu fuq valutazzjoni mekkanika biex jaġġustaw it-tnaqqis impost għal-limitazzjoni tal-effetti proċikliċi. Il-leġiżlazzjoni għandha tkun konsistenti mal-Prinċipji tal-FSB biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-valutazzjonijiet tal-aġenziji ta' CRA.

5. **Il-kundizzjonijiet biex il-garanziji tal-banek kummerċjali jiġu aċċettati bħala kollateral**

5.1. Il-leġiżlazzjoni għandha tiddefinixxi parti affidabbli għaż-żamma ta' kollateral li jsostni l-garanziji tal-banek kummerċjali.

5.2. Il-garanziji tal-banek kummerċjali għandhom ikunu suġġetti għal użu limitat u għal proporzjon ta' konċentrazzjoni aktar baxx minn dak applikabbli għal kollateral eliġibbli ieħor.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Lulju 2012

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI

---

([1]) FSB, "Principles for reducing reliance on CRA ratings", 27 ta' Ottubru 2010, b'mod partikolari l-Prinċipju III.4; dan id-dokument jinsab bl-Ingliż fil-websajt tal-FSB: http://www.financialstabilityboard.org

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

# BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## DEĊIŻJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tat-13 ta' Lulju 2012**

**li timplimenta regoli dwar il-protezzjoni tad-data fi ħdan il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

**(BERS/2012/1)**

(2012/C 286/11)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 24(8) u l-Anness tiegħu,

Wara li kkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jistabbilixxi l-prinċipji u r-regoli applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni Ewropea u jipprovdi għall-ħatra ta' uffiċjal għall-protezzjoni tad-data (UPD) minn kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 24(8) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni għandhom jadottaw regoli ta' implimentazzjoni ulterjuri dwar l-UPD b'mod konformi mal-Anness ta' dak ir-Regolament.

(3) Huwa xieraq li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar il-kontrolluri u l-koordinaturi tal-protezzjoni tad-data, li l-kompiti u d-dmirijiet tagħhom huma relatati ma' dawk tal-UPD, u dwar ir-regolazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data,

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

TAQSIMA 1

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Suġġett u ambitu**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dwar:

(a) il-ħatra u l-istatus tal-UPD tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), kif ukoll dwar il-kompiti, id-dmirijiet u s-setgħat tal-UPD;

(b) l-irwoli, il-kompiti u d-dmirijiet tal-kontrolluri u l-koordinaturi tal-protezzjoni tad-dejta;

(c) l-eżerċitar ta' drittijiet mis-suġġetti tad-dejta.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "kontrollur" ifisser maniġer responsabbli għal unità organizzattiva li tiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi għall-ipproċessar ta' dejta personali;

(b) "koordinatur tal-protezzjoni tad-data" tfisser membru tal-persunal li jassisti lil kontrollur fil-qadi ta' dmirijietu ta' protezzjoni tad-data. Din il-persuna għandha tkun speċjalista fil-ġestjoni tar-rekords.

TAQSIMA 2

## L-UFFIĊJAL GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

*Artikolu 3*

### Ħatra, status u affarijiet organizzattivi

1. Il-Bord Ġenerali għandu:

(a) jaħtar UPD li jkun anzjan biżżejjed biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001;

(b) jiffissa terminu għall-kariga tal-UPD ta' bejn sentejn u ħames snin.

2. Il-Bord Ġenerali għandu jiżgura li l-UPD jista' jwettaq il-kompiti u d-dmirijiet ta' UPD b'mod indipendenti. Mingħajr preġudizzju għal dik l-indipendenza, l-evalwaturi tal-UPD għandhom jikkonsultaw lill-KEPD qabel ma jevalwaw il-prestazzjoni tal-UPD fir-rigward tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu.

3. Il-kontrollur relevanti għandu jiżgura li l-UPD jiġi infurmat mingħajr dewmien:

(a) meta tinqala' xi kwistjoni li jkollha, jew jista' jkollha, implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-data; u

(b) fir-rigward tal-kuntatti kollha bejn il-BERS u l-partijiet esterni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, b'mod partikolari kwalunkwe interazzjoni mal-KEPD.

4. Il-Bord Ġenerali jista' jaħtar Viċi UPD, li għalih għandhom japplikaw l-Artikolu 24(1), (2) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-Viċi UDP għandu jappoġġja lill-UPD fit-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu u jissostitwih f'każ fejn dan tal-aħħar ikun assenti.

5. Kull persunal li jipprovdi appoġġ lill-UPD fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data għandu jaġixxi biss fuq struzzjonijiet mill-UPD.

6. L-UPD jista' jitkeċċa bil-kunsens tal-KEPD, jekk ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu.

*Artikolu 4*

### Kompiti u dmirijiet tal-UPD

Meta jwettsa id-dmirijiet speċifikati fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u fl-Anness għal dak ir-Regolament, l-UPD għandu jwettaq id-dmirijiet li ġejjin, waqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-kontribut mis-Segretarjat tal-BERS:

(a) joħloq kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data u jheġġeġ kultura ta' protezzjoni tad-data personali fi ħdan il-BERS;

(b) jagħti pariri lill-Bord Ġenerali, lill-Kumitat ta' Tmexxija, lis-Segretarjat, lill-kontrollur u lill-koordinatur tal-protezzjoni tad-data dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data fi ħdan il-BERS. L-UPD jista' jiġi kkonsultat mill-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija, is-Segretarjat, il-kontrollur ikkonċernat jew kwalunkwe individwu dwar kull kwistjoni li tirrigwarda l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001;

(c) jikkoopera mal-KEPD fuq talba ta' dan tal-aħħar jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess u jwieġeb għal rikjesti li l-KEPD jindirizza lill-UPD tal-BERS;

(d) jiddetermina jekk operazzjoni ta' proċessar hux aktarx li tippreżenta riskji speċifiċi fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u b'hekk hija soġġetta għal verifika minn qabel. L-UPD għandu jikkonsulta lill-kontrollur ikkonċernat jekk dan ikun meħtieġ. F'każ ta' dubju dwar il-ħtieġa ta' verifika minn qabel, il-KEPD għandu jiġi kkonsultat, b'mod konformi mal-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001;

(e) fuq talba tal-Bord Ġenerali, il-Kumitat tat-Tmexxija, is-Segretarjat jew kwalunkwe individwu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jinvestiga kwistjonijiet u okkorrenzi relatati direttament mal-kompiti u d-dmirijiet tal-UPD u jirrapporta lura lil min ikun għamel it-talba. L-UPD għandu jikkunsidra l-kwistjonijiet u l-fatti b'mod imparzjali u waqt li jikkunsidra debitament id-drittijiet tas-suġġett tad-data. Jekk l-UPD jidhirlu li huwa xieraq, huwa għandu jinfurma lill-partijiet l-oħrajn ikkonċernati b'mod xieraq. Jekk ir-rikjedent ikun individwu jew jaġixxi f'isem individwu, l-UPD għandu, safejn ikun possibbli, jiżgura li r-rikjesta tibqa' kunfidenzjali, ħlief jekk is-suġġetti tad-data kkonċernati jagħtu l-kunsens ċar tagħhom biex ir-rikjesta tiġi ttrattata mod ieħor;

(f) jikkoopera ma' UPD ta' istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiskambja u jaqsam tagħrif u jirrappreżenta lill-BERS f'kull diskussjoni – ħlief f'każijiet tal-qorti – fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data; u

(g) jissottometti programm ta' ħidma annwali u rapport annwali dwar attivitajiet tal-UPD lill-Bord Ġenerali u lill-KEPD.

*Artikolu 5*

### Is-setgħat tal-UPD

1. L-UPD jista':

(a) jitlob opinjoni mingħand is-Segretarjat tal-BERS dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kompiti u d-dmirijiet tal-UPD;

(b) joħroġ opinjoni dwar il-leġittimità ta' operazzjonijiet ta' proċessar attwali jew proposti jew dwar kull kwistjoni li tirrigwarda n-notifika ta' operazzjonijiet ta' proċessar;

(c) iwassal għall-attenzjoni tal-Kap tas-Segretarjat tal-BERS kwalunkwe nuqqas ta' konformità min-naħa tal-persunal mal-obbligi taħt ir-Regolament (KE) Nru 45/2001;

(d) ikollu aċċess f'kull ħin għad-data li tikkostitwixxi s-suġġett ta' operazzjonijiet ta' proċessar dwar data personali u għall-uffiċċji, installazzjonijiet ta' proċessar tad-data u trasportaturi tad-data;

(e) ikun involut kull meta l-BERS jifformula regoli interni relatati mal-protezzjoni tad-data personali;

(f) iżomm lista anonima tar-rikjesti bil-miktub mis-suġġetti tad-data fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom; u

(g) iwettaq il-kompiti l-oħrajn speċifikati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti u s-setgħat tal-kontrollur, l-UPD għandu s-setgħat ta' iffirmar għall-korrispondenza mħejjija mill-UPD fi ħdan il-limiti tal-mandat tiegħu.

TAQSIMA 3

**KONTROLLUR U KOORDINATUR TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA**

*Artikolu 6*

**Kompiti u dmirijiet tal-kontrolluri u l-koordinaturi tal-protezzjoni tad-dejta**

1. Il-kontrolluri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet kollha ta' proċessar li jinvolvu data personali li jitwettqu fi ħdan il-qasam tar-responsabbiltà tagħhom jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Meta jwettqu l-obbligu li jassistu lill-UPD u lill-KEPD fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-kontrolluri għandhom jipprovdulhom informazzjoni, jagħtuhom aċċess għad-data personali u jwieġbu għall-mistoqsijiet fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievu r-rikjesta.

3. Il-kontrolluri għandhom jinfurmaw lill-UPD fil-ħin meta jirċievu talba għal aċċess għal, jew korrezzjoni, imblukkar, jew tħassir ta' data personali, jew fir-rigward tad-dritt tas-suġġett tad-data li jqajjem oġġezzjoni, jew kull ilment relatat ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data.

4. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-kontrolluri:

(a) il-koordinaturi tal-protezzjoni tad-data għandhom jassistu lill-kontrolluri fil-qadi ta' dmirijiethom, jew fuq talba tal-kontrolluri jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess. Meta jagħmlu dan, il-kontrolluri tal-protezzjoni tad-data għandhom jikkollaboraw mal-persunal tal-kontrolluri, li għandhom jipprovdulhom l-informazzjoni meħtieġa. Dan jista' jinkludi, skont id-diskrezzjoni tal-kontrollur relevanti, l-aċċess għal data personali pproċessata taħt ir-responsabbiltà ta' dak il-kontrollur;

(b) il-koordinaturi tal-protezzjoni tad-data għandhom jassistu lill-UPD:

(i) fl-identifikazzjoni tal-kontrollur relevanti ta' operazzjonijiet ta' proċessar relatati ma' data personali;

(ii) fl-ippromulgar tal-pariri tal-UPD u l-appoġġ għall-kontrollur taħt il-gwida tal-UPD;

(iii) aspetti oħrajn tal-programm ta' ħidma tal-UPD kif miftiehem bejn l-UPD u l-maniġment tal-koordinaturi tal-protezzjoni tad-data.

*Artikolu 7*

**Proċedura ta' notifika**

1. Qabel ma jintroduċi operazzjonijiet ġodda ta' proċessar relatati ma' data personali, il-kontrollur relevanti għandu jinnotifika lill-UPD b'dan permezz tal-interfaċċja li tinsab onlajn li hija aċċessibbli permezz tal-paġni web tal-UPD fuq l-intranet tal-BERS. Kull operazzjoni ta' proċessar li hija soġġetta għal verifika minn qabel skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandha tiġi nnotifikata sew qabel ma tiġi introdotta sabiex tkun tista' ssir verifika minn qabel mill-KEPD.

2. Il-kontrollur relevanti għandu jinforma minnufih lill-UPD dwar kwalunkwe bidla li taffettwa l-informazzjoni li tkun tinsab f'notifika diġà sottomessa lill-UPD.

TAQSIMA 4

**DRITTIJIET TAS-SUĠĠETTI TAD-DATA**

*Artikolu 8*

**Reġistru**

Ir-reġistru miżmum mill-UPD skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu jservi bħala indiċi tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar relatati ma' data personali mmexxija fi ħdan il-BERS. Is-suġġetti tad-data jistgħu jużaw l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt l-Artikoli 13 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 9*

**Eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data**

1. Skont id-dritt tagħhom li jiġu infurmati b'mod xieraq dwar kwalunkwe proċessar tad-data personali tagħhom, is-suġġetti tad-data jistgħu javviċinaw lill-kontrollur relevanti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikoli 13 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, kif speċifikat hawn isfel:

(a) dawn id-drittijiet jistgħu jiġu eżerċitati biss mis-suġġett tad-data jew mir-rappreżentant tagħhom li jkun debitament awtorizzat. Dawk il-persuni jistgħu jeżerċitaw kwalunkwe minn dawk id-drittijiet mingħajr ħlas;

(b) it-talbiet biex jiġu eżerċitati dawn id-drittijiet għandhom jiġu indirizzati bil-miktub lill-kontrollur relevanti. il-kontrollur għandu jilqa' t-talba biss jekk l-identità tar-rikjedent u, jekk relevanti, l-intitolament tiegħu biex jirrappreżenta lis-suġġett tad-data jkunu ġew ivverifikati b'mod xieraq. Il-kontrollur għandu mingħajr dewmien jinforma lis-suġġett

tad-data bil-miktub dwar jekk it-talba ġietx aċċettata jew le. Jekk it-talba tkun ġiet miċħuda, il-kontrollur għandu jinkludi r-raġunijiet għaċ-ċaħda;

(c) il-kontrollur għandu, f'kull ħin fi żmien tliet xhur kalendarji minn meta jirċievi t-talba, jagħti aċċess skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 billi jippermetti lis-suġġett tad-data biex jikkonsoluta dik id-data fuq il-post jew jirċievi kopja tagħha, skont kif jippreferi l-applikant;

(d) is-suġġetti tad-data jistgħu jikkuntattjaw lill-UPD f'każ fejn il-kontrollur ma jirrispetta ebda waħda mill-iskadenzi stipulati fil-paragrafi (b) jew (c). F'każ ta' abbuż ovvju minn suġġett tad-data fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom, il-kontrollur jista' jirreferi lis-suġġett tad-data lill-UPD. Jekk il-każ jiġi rriferut lill-UPD, dan tal-aħħar għandu jiddeċiedi dwar il-merti tat-talba u dwar il-passi li għandhom jittieħdu. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn is-suġġett tad-data u l-kontrollur, iż-żewġ partijiet għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw lill-UPD.

2. Il-membri tal-persunal jistgħu jikkonsultaw lill-UPD qabel ma jippreżentaw ilment lill-KEPD.

*Artikolu 10*

**Eżenzjoni u restrizzjonijiet**

1. Kemm-il darba l-UPD jkun ġie kkonsultat minn qabel, il-kontrollur jista' jirrestrinġi d-drittijiet msemmija fl-Artikoli 13 sa 17 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 fuq il-bażi, u skont il-kundizzjonijiet, stipulati fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Kull persuna affettwata tista' tistaqsi lill-KEPD biex japplika l-Artikolu 47(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 11*

**Investigazzjoni**

1. Kull talba għal investigazzjoni taħt il-punt (1) tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandha tiġi indirizzata lill-UPD bil-miktub.

2. L-UPD għandu jibgħat konferma li jkun irċieva t-talba lir-rikjedent fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċieviha.

3. L-UPD jista' jinvestiga l-kwistjoni fuq il-post u jitlob stqarrija bil-miktub mill-kontrollur relevanti. Il-kontrollur relevanti għandu jagħti r-risposta tiegħu lill-UPD fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta l-kontrollur jirċievi t-talba tal-UPD. L-UPD jista' jistaqsi għal informazzjoni jew assistenza addizzjonali mingħand is-Segretarjat. Dik l-informazzjoni jew assistenza għandha tingħata fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tiġi riċevuta t-talba tal-UPD.

4. L-UPD għandu jirrapporta lura lil min ikun għamel it-talba fi żmien tliet xhur kalendarji minn meta tiġi riċevuta t-talba.

TAQSIMA 5

**DĦUL FIS-SEĦĦ**

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-13 ta' Lulju 2012

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

**Il-21 ta' Settembru 2012**

(2012/C 286/12)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2988 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2365 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 101,58 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,2654 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4549 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,0682 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,79870 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5601 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,4956 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5893 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2110 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 453,66 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,7305 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,4215 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,1895 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3932 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,803 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 410,27 |
| HUF | Forint Ungeriż | 282,24 | MYR | Ringgit Malażjan | 3,9611 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 54,109 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6962 | RUB | Rouble Russu | 40,2662 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1297 | THB | Baht Tajlandiż | 40,016 |
| RON | Leu Rumen | 4,5173 | BRL | Real Brażiljan | 2,6289 |
| TRY | Lira Turka | 2,3314 | MXN | Peso Messikan | 16,6641 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 69,4400 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

## Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2012 “Il-Kummissjoni u l-Eurostat tejbu l-proċess tal-produzzjoni ta' statistika Ewropea affidabbli u kredibbli?”

(2012/C 286/13)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 12/2012 “Il-Kummissjoni u l-Eurostat tejbu l-proċess tal-produzzjoni ta' statistika Ewropea affidabbli u kredibbli?” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mill-websajt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu

Verżjoni stampata tar-rapport tista' tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
Unità “Verifika: Il-Produzzjoni ta' Rapporti”
12, rue Alcide de Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Posta elettronika: eca-info@eca.europa.eu

jew billi timla formola ta' ordni elettronika fuq l-EU-Bookshop.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2012/C 286/14)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif deskritt fit-tabella hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 10.8.2012 |
| Tul ta' żmien | 10.8.2012-31.12.2012 |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | SOL/8AB. |
| Speċi | Lingwata komuni (*Solea solea*) |
| Żona | Iż-żoni VIIIa u VIIIb |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | FS21TQ43 |

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2012/C 286/15)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ittieħdet deċiżjoni biex is-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 10.2.2012 |
| Tul ta' żmien | 10.2.2012-31.12.2012 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | MAC/2CX14- |
| Speċi | Pizzintun (*Scomber scombrus*) |
| Żona | VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | FS34TQ44 |

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għal proposti – Programm Kultura (2007-2013)

**L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm: proġetti ta' kooperazzjoni fit-tul; azzjonijiet ta' kooperazzjoni; azzjonijiet speċjali (pajjiżi terzi) u appoġġ għall-korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam kulturali**

(2012/C 286/16)

### INTRODUZZJONI

Is-sejħa attwali għal proposti hija bbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-"Programm Kultura"). Il-kondizzjonijiet partikolari tas-sejħa attwali għal proposti jinsabu fil-Gwida tal-Programm Kultura (2007-2013) ippubblikata fuq il-websajt Europa (ara l-punt VIII). Il-Gwida tal-Programm hija parti integrali mis-sejħa attwali għal proposti.

### I. **Objettivi**

Il-Programm Kultura nħoloq biex jissaħħaħ l-ispazju kulturali kondiviż bejn l-Ewropej stabbilit fuq wirt kulturali komuni, permezz tal-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni kulturali bejn l-operaturi kulturali tal-pajjiżi eliġibbli ([2]), sabiex tiġi faċilitata l-emerġenza ta' ċittadinanza Ewropea.

Il-programm huwa strutturat madwar tliet objettivi speċifiċi:

— iħeġġeġ il-mobbiltà transnazzjonali tal-professjonisti tas-settur kulturali;

— iħeġġeġ iċ-ċirkolazzjoni ta' xogħolijiet tal-arti u prodotti kulturali u artistiċi lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u

— jippromwovi d-djalogu interkulturali.

Il-programm huwa karatterizzat b'approċċ interdixxiplinari flessibbli u jiffoka fuq il-ħtiġijiet espressi mill-operaturi kulturali matul konsultazzjonijiet pubbliċi li wasslu għall-ħolqien tiegħu.

### II. **Oqsma**

Is-sejħa attwali għal proposti tkopri l-oqsma li ġejjin tal-Programm Kultura:

(1) *Appoġġ għall-proġetti ta' kooperazzjoni kulturali (oqsma 1.1, 1.2.1 u 1.3.5)*

Il-korpi kulturali jingħataw appoġġ għall-proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali u għall-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet kulturali u artistiċi.

([1]) ĠU L 372, 27.12.2006.

([2]) Ara l-punt IV.

L-idea kruċjali ta' dan il-qasam hija li theġġeġ lill-korpi fosthom teatri, mużewijiet, assoċjazzjonijiet professjonali, ċentri ta' riċerka, universitajiet, istituti kulturali u awtoritajiet pubbliċi tad-diversi pajjiżi parteċipanti fil-Programm Kultura sabiex jikkooperaw biex is-setturi differenti jkunu jistgħu jikkollaboraw u jestendu l-promozzjoni kulturali u artistika tagħhom lil hinn mill-fruntieri.

Dan il-qasam huwa maqsum fi tliet kategoriji li huma ppreżentati fid-dettali hawn taħt.

Qasam 1.1: proġetti ta' kooperazzjoni fit-tul (li jdumu madwar tliet snin u ħames snin)

L-ewwel kategorija għandha l-għan li tippromwovi, fuq bażi fit-tul, ir-rabtiet kulturali transnazzjonali billi theġġeġ mill-anqas sitt operaturi kulturali ta' mill-anqas sitt pajjiżi eliġibbli sabiex jikkooperaw u jaħdmu għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet kulturali komuni, ta' natura settorjali u transsettorjali, li jdumu madwar tliet snin u ħames snin. Hemm disponibbli finanzjament ta' madwar EUR 200 000 (minimu) u 500 000 (massimu) kull sena, iżda l-appoġġ Komunitarju ma jistax jeċċedi l-50 % tat-total eliġibbli. Il-finanzjament għandu l-għan li jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' proġett jew l-estensjoni tal-kopertura ġeografika tiegħu u biex jassigura d-dewmien tiegħu lill hinn mill-perjodu ta' finanzjament.

Qasam 1.2.1: proġetti ta' kooperazzjoni (li jistgħu jdumu sa 24 xahar)

It-tieni kategorija tikkonċerna azzjonijiet settorjali u intersettorjali, li jitwettqu fi sħubija ta' bejn mill-anqas tliet operaturi kulturali ta' mill-anqas tliet pajjiżi eliġibbli, bit-tul massimu ta' sentejn. L-azzjonijiet li għandhom l-għan li jesploraw oqsma ta' kooperazzjoni fit-tul huma mħeġġa ħafna. Hemm disponibbli finanzjament ta' madwar EUR 50 000 u EUR 200 000, iżda l-appoġġ Komunitarju ma jistax jeċċedi l-50 % tat-total eliġibbli.

Qasam 1.3.5: azzjonijiet speċjali ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (li jistgħu jdumu sa 24 xahar)

It-tielet kategorija għandha l-għan li tappoġġa proġetti ta' kooperazzjoni kulturali bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' skambji kulturali bejn il-pajjiżi parteċipanti tal-programm u pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' assoċjazzjoni jew ta' kooperazzjoni mal-UE, dment li dan jinkludi klawżoli kulturali. Kull sena, pajjiż terz wieħed jew diversi jiġu magħżulin għas-sena inkwistjoni. Kull sena l-isem tal-pajjiż jew pajjiżi magħżulin jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-programm (ara l-punt VII), fi żmien qabel id-data tal-iskadenza tas-sottomissjoni.

L-azzjoni jeħtieġ li jkollha dimensjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali konkreta. Il-proġetti ta' kooperazzjoni li jirrigwardaw mill-anqas tliet operaturi kulturali ta' mill-anqas tliet pajjiżi eliġibbli u jipprevedu kooperazzjoni kulturali ma' mill-anqas korp wieħed tal-pajjiż terz ikkunsidrat, u/jew l-attivitajiet kulturali mwettqin fil-pajjiż terz ikkunsidrat. Hemm disponibbli finanzjament ta' madwar EUR 50 000 u EUR 200 000 massimu, iżda l-appoġġ Komunitarju ma jistax jeċċedi l-50 % tat-total eliġibbli.

(2) *Proġetti ta' traduzzjoni litterarja (li jistgħu jdumu sa 24 xahar) (qasam 1.2.2)*

Dan il-qasam jikkonċerna l–appoġġ ta' proġetti ta' traduzzjoni. L-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għat-traduzzjoni litterarja għandu l-għan li jtejjeb il-konoxxenza tal-letteratura u tal-wirt letterarju tal-koċittadini Ewropej billi jiffavorixxi l-propagazzjoni ta' xogħolijiet letterarji bejn il-pajjiżi. Id-djar ta' pubblikazzjoni jistgħu jibbenefikaw minn sussidji għat-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' xogħolijiet ta' fiction minn lingwa Ewropea għal oħra. Hemm disponibbli finanzjament ta' madwar EUR 2 000 u EUR 60 000, iżda l-appoġġ Komunitarju ma jistax jeċċedi l-50 % tat-total eliġibbli.

(3) *Appoġġ għall-festivals kulturali Ewropej (proġetti li jistgħu jdumu sa 12-il xahar) (qasam 1.3.6)*

Dan il-qasam jipprevedi l-appoġġ għall-festivals ta' dimensjoni Ewropea li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objetttivi ġenerali tal-Programm (jiġifieri l-mobbiltà ta' professjonisti, iċ-ċirkolazzjoni ta' xogħolijiet u d-djalogu interkulturali).

L-ammont massimu tas-sottomissjoni huwa ta' EUR 100 000, li jirrappreżenta massimu ta' 60 % tal-ispejjeż eliġibbli. Dan l-appoġġ jista' jingħata għal edizzjoni waħda tal-festival.

(4) *Appoġġ għall-korpi attivi fil-livell Ewropew fil-qasam tal-kultura (Qasam 2) (għotji għall-ispejjeż tal-operat li jdumu 12-il xahar)*

Il-korpi kulturali li jaħdmu jew jixtieqU jaħdmu fil-qasam tal-kultura fuq livell Ewropew jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ biex jiffinanzjaw l-ispejjeż tal-operat tagħhom. Dan il-qasam jipprevedi l-korpi li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' esperjenza kulturali komuni bil-ħsieb ta' dimensjoni verament Ewropea.

Is-sussidju mogħti skont it-titolu ta' dan il-qasam għandu bħala objettiv il-kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-operat li jitwettqu fil-qafas tal-attivitajiet permanenti tal-korpi benefiċjarji. Dan huwa differenti konsiderevolment minn sussidji oħrajn suxxettibbli li jingħataw skont it-titolu ta' proġetti oħrajn tal-programm.

Skont it-titolu ta' dan il-qasam tliet kategoriji ta' korpi huma eliġibbli:

(a) l-ambaxxaturi,

(b) in-netwerks ta' rappreżentazzjoni u ta' difiża,

(c) il-pjattaformi ta' djalogu strutturat.

Il-finanzjament massimu huwa disponibbli abbażi tal-kategorija mitluba, iżda l-appoġġ Komunitarju ma jistax jeċċedi t-80 % tat-total eliġibbli.

(5) *Proġetti ta' kooperazzjoni bejn korpi involuti fl-analiżi ta' politiki kulturali (li jistgħu jdumu sa 24 xahar) (qasam 3.2)*

Din il-kategorija għandha l-għan li tappoġġa proġetti ta' kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati (fondazzjonijiet jew osservatorji kulturali, dipartimenti ta' universitajiet li jispeċjalizzaw fl-affarijiet kulturali, organizzazzjonijiet professjonali u netwerks), li għandhom esperjenza diretta u prattika fl-analiżi, l-istima jew l-evalwazzjoni tal-impatt tal-politiki kulturali fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew, fir-rigward ta' mill-anqas wieħed mit-tliet objettivi tal-Aġenda Ewropea tal-Kultura [1]:

— Iil-promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali;

— il-promozzjoni tal-kultura bħala katalizzatur tal-kreattività fil-qafas tal-Istrateġija ta' Lisbona għall-konoxxenza u l-impjieg;

— Il-promozzjoni tal-kultura bħala element essenzjal tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni bl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali [2].

L-azzjonijiet għandhom jirrigwardaw mill-anqas tliet organizzazzjonijiet stabbiliti legalment f'mill-anqas tliet pajjiżi parteċipanti fil-Programm.

L-ammont massimu tas-sottomissjoni huwa ta' EUR 120 000 kull sena, li jirrappreżenta massimu ta' 60 % tal-ispejjeż eliġibbli.

## III. **Azzjonijiet u kandidati eliġibbli**

Il-Programm huwa miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-kategoriji kollha tal-atturi kulturali, safejn l-organizzazzjonijiet ikkonċernati jeżerċitaw attivitajiet kulturali li ma jagħmlux profitt. L-intrapriżi u l-attivitajiet kulturali tas-settur awdjoviżiv (li jinkludi l-festivals taċ-ċinema), li diġà huwa kopert bil-Programm MEDIA, mhumiex eliġibbli skont it-titolu tal-Programm Kultura. Fl-istess ħin, il-korpi li l-attività prinċipali tagħhom taqa' taħt is-settur awdjoviżi li jeżerċitaw din l-attività mingħajr profitt huma eliġibbli skont it-titolu tal-qasam 2 tal-Programm Kultura, il-kategorija "Netwerks", peress li ma jeżisti l-ebda appoġġ komparabbli fis-sens tal-Programm MEDIA.

Il-kandidati eliġibbli għandhom ikunu:

— Il-korpi pubbliċi [3] jew privati li għandhom personalità ġuridika u li l-attività prinċipali tagħhom tinsab fil-qasam tal-kultura (is-settur kulturali u s-settur tal-ħolqien); u

— li għandhom is-sede soċjali tagħhom f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli.

Il-persuni fiżiċi m'għandhomx permess jitolbu għotja skont it-titolu ta' dan il-programm.

(1) Irreferi għall-komunikazzjoni relatata mal-Aġenda Ewropea tal-Kultura fi żmien tal-globalizzazzjoni, COM(2007) 242 finali: http://europa.eu/legislation_summaries/culture/l29019_mt.htm

(2) http://portal.unesco.org/fr/ev.php-URL_ID=31038&URL_DO=DO_TOPIC&URL_SECTION=201.html

(3) Bil-kelma korp huwa mifhum il-korpi kollha li parti mill-ispejjeż tagħhom hija ffinanzjata direttament mill-fondi pubbliċi, kemm mill-gvern ċentrali, reġjonali jew dak lokali. Jiġifieri li dawn l-ispejjeż huma ffinanzjati mill-fondi tas-settur pubbliku li ġejjin minn ħlasijiet, multi jew kummissjonijiet irregolati mil-liġi, mingħajr ma jgħaddu minn proċess ta' domanda li tista' tkun ta' ostakolu biex jinkisbu l-fondi. Il-korpi li l-eżistenza tagħhom tiddependi mill-fondi pubbliċi u li jirċievu għotjiet sena wara sena, iżda li teoretikament humna suxxettibbli li ma jakkwistawx fondi għal sena partikolari, huma kkunsidrati bħala korpi privati.

IV. **Pajjiżi eliġibbli**

Il-pajjiżi eliġibbli skont it-titolu ta' dan il-programm huma:

— l-Istati Membri tal-UE ([1]);

— l-Istati Membri taż-ŻEE ([2]) (Islanda, Liechtenstein, Norveġja);

— il-Kroazja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bożnija u Ħerżegovina, it-Turkija, is-Serbja, l-Albanija u l-Montenegro).

V. **Kriterji għall-għoti**

*Oqsma 1.1, 1.2.1 u 1.3.5*:

— Il-punt sa fejn il-proġett huwa suxxettibbli li jipprovdi valur miżjud Ewropew

— Ir-rilevanza tal-attivitajiet għall-objettivi speċifiċi tal-Programm

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet proposti huma mfasslin b'mod li jistgħu jiġu ġestiti sabiex jagħtu livell eċċellenti ulterjuri.

— It-tip ta' sħubija bejn il-*koordinatur u l-koorganizzaturi*

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet għandhom jiġġeneraw riżultati sodisfaċenti għall-objettivi tal-Programm

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet proposti għandhom ikunu kkomunikati sabiex ikollhom appoġġ adatt

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet għandhom jiġġeneraw impatt fit-tul (vjabbiltà)

— Id-dimensjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali (għall-proġetti ta' kooperazzjoni biss mal-pajjiżi terzi, *il-qasam* 1.3.5)

*Qasam 1.2.2*:

— Il-punt sa fejn il-proġett huwa suxxettibbli li jipprovdi valur miżjud Ewropew u r-rilevanza tal-attivitajiet għall-objettivi tal-Programm

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet proposti huma mfasslin b'mod li jistgħu jiġu ġestiti sabiex jagħtu livell eċċellenti ulterjuri

— Il-punt sa fejn ir-riżultati tal-attivtajiet proposti għandhom ikunu kkomumikati sabiex ikollhom appoġġ adatt

*Qasam 1.3.6:*

— Valur miżjud Ewropew u d-dimensjoni Ewropea tal-attivitajiet proposti

— Il-kwalità u l-karattru innovattiv tal-programmazzjoni

— L-impatt fuq il-pubbliku fil-mira

— Il-parteċipazzjoni ta' professjonisti Ewropej u l-kwalità tal-iskambji previsti bejniethom

*Qasam 2*:

— Il-punt sa fejn il-programm ta' ħidma u l-attivitajiet sussegwenti tiegħu huma suxxettibbli sabiex jipproduċi valur miżjud Ewropew, u dimensjoni Ewropea tal-attivitajiet proposti.

— Ir-rilevanza tal-programm ta' ħidma u l-attivitajiet sussegwenti tiegħu meta mqabbla mal-objettivi speċifiċi tal-Programm.

([1]) Is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea:; Il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, Spanja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, ir-Renju Unit, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Isezja.

([2]) Żona Ekonomika Ewropea.

— Il-punt sa fejn il-programm ta' ħidma proposta u l-attivitajiet sussegwenti tiegħu huma mfasslin b'mod li jistgħu jiġu ġestiti sabiex jagħtu livell eċċellenti ulterjuri

— Il-punt sa fejn il-programm ta' ħidma proposta u l-attivitajiet sussegwenti tiegħu huma suxxettibbli li jiġġeneraw riżultati li jaffettwaw kemm jista' jkun persuni possibbli, f'kull każ direttament u indirettament.

— Il-punt sa fejn ir-riżultati tal-attivtajiet proposti għandhom ikunu kkomumikati u appoġġati b'mod adattat.

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet huma suxxettibbli li jipproduċu livell adatt ta' vjabbiltà (riżultati u kooperazzjoni fit-tul), u li bl-istess mod jaġixxu bħala multiplikaturi għal promoturi possibbli oħrajn.

*Qasam 3.2*:

— Il-punt sa fejn il-proġett huwa suxxettibbli li jipprovdi valur miżjud Ewropew

— Ir-rilevanza tal-attivitajiet meta mqabbla mal-objettivi speċifiċi tal-Programm fil-qafas tal-Aġenda Ewropea tal-Kultura

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet proposti huma mfasslin b'mod li jistgħu jiġu ġestiti sabiex jagħtu livell eċċellenti ulterjuri

— It-tip ta' sħubija bejn il-*koordinatur u l-koorganizzaturi*

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet għandhom jiġġeneraw riżultati sodisfaċenti għall-objettivi tal-Programm

— Il-punt sa fejn ir-riżultati tal-attivtajiet proposti għandhom ikunu kkomumikati u promossi b'mod adatt

— Il-punt sa fejn l-attivitajiet għandhom jiġġeneraw impatt fit-tul (vjabbiltà)

VI. **Baġit**

Il-programm għandu allokat baġit totali ta' EUR 400 miljun [1] għall-perjodu 2007-2013. L-allokazzjonijiet annwali għall-2013 se jkunu madwar EUR 60 miljun.

Fuq proposta tal-Kummissjoni, it-tqassim tal-baġit annwali għal kull qasam (f'konformità mal-approprjazzjonijiet indikati 'l quddiem) huwa approvat mill-kumitat tal-programm.

*Previżjonijiet baġitarji għall-2013 għall-oqsma li ġejjin:*

| | | |
|---|---|---|
| Qasam 1.1 | Proġetti ta' kooperazzjoni fit-tul | EUR 24 000 000 |
| Qasam 1.2.1 | Azzjonijiet ta' kooperazzjoni | EUR 21 100 000 |
| Qasam 1.2.2 | Proġetti ta' traduzzjoni litterarja | EUR 3 899 263 |
| Qasam 1.3.5 | Proġetti ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi | EUR 2 650 000 |
| Qasam 1.3.6 | Appoġġ għall-festivals kulturali Ewropej | EUR 2 700 000 |
| Qasam 2 | Appoġġ għall korpi attivi fil-livell Ewropew fil-qasam tal-kultura | EUR 6 100 000 |
| Qasam 3.2 | Proġetti ta' kooperazzjoni bejn il-korpi implikati fl-analiżi tal-politiki kulturali | EUR 700 000 |

[1] Pajjiżi eliġibbli li mhux fl-UE wkoll jistgħu jikkontribwixxu għall-baġit tal-programm.

VII. **Dati ta' skadenza għas-sottomissjoni**

| *Oqsma* | | *Data ta' skadenza għas-sottomissjoni* |
|---|---|---|
| Qasam 1.1 | Proġetti ta' kooperazzjoni fit-tul | 7 ta' Novembru 2012 |
| Qasam 1.2.1 | Azzjonijiet ta' kooperazzjoni | 7 ta' Novembru 2012 |
| Qasam 1.2.2 | Proġetti ta' traduzzjoni litterarja | 6 ta' Frar 2013 |
| Qasam 1.3.5 | Proġetti ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi | 3 ta' Mejju 2013 |
| Qasam 1.3.6 | Appoġġ għall-festivals kulturali Ewropej | 5 ta' Diċembru 2012 |
| Qasam 2 | Appoġġ għall korpi attivi fil-livell Ewropew fil-qasam tal-kultura | 10 ta' Ottubru 2012 |
| Qasam 3.2 | Proġetti ta' kooperazzjoni bejn il-korpi implikati fl-analiżi tal-politiki kulturali | 7 ta' Novembru 2012 |

Jekk id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tkun fit-tmiem il-ġimgħa jew jum ta' festa fil-pajjiż tal-kandidat, m'għandu jingħata l-ebda tul supplimentari u l-kandidat għandu jieħu kont taż-żmien sabiex jippjana s-sottomissjoni tiegħu.

Il-proċeduri tal-applikazzjoni kif ukoll l-indirizz qegħdin fil-Gwida tal-Programm Kulturali li tinsab fis-siti elettroniċi indikati fit-taqsima VIII hawn taħt.

VIII. **Aktar informazzjoni**

Il-kondizzjonijiet dettaljati tad-domanda jinsabu fil-Gwida tal-Programm Kultura li jista' jiġi kkonsultat fuq il-websajts li ġejjin:

Direttorat Ġenerali "Edukazzjoni u Kultura"

http://ec.europa.eu/culture/index_en.htm

Aġenzija Eżekuttiva "Edukazzjoni, Awdjoviżwali u Kultura"

http://eacea.ec.europa.eu/culture/index_en.htm

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6720 – OAO VTB Bank/Corporate Commercial Bank/Bulgarian Telecommunications Company)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 286/17)

1. Fis-17 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi OAO VTB Bank ("VTB", il-Federazzjoni Russa) u Corporate Commercial Bank AD ("Corporate Commercial Bank", il-Bulgarija) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża Bulgarian Telecommunications Company AD ("Bulgarian Telecommunications Company", il-Bulgarija), permezz tax-xiri tal-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal VTB: istituzzjoni finanzjarja attiva internazzjonalment,

— għal Corporate Commercial Bank: istituzzjoni finanzjarja attiva fil-Bulgarija,

— għal Bulgarian Telecommunications Company: it-telekomunikazzjonijiet u t-televiżjoni diġitali fil-Bulgarija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6720 – OAO VTB Bank/Corporate Commercial Bank/Bulgarian Telecommunications Company, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Il-Qorti tal-Awdituri**

2012/C 286/13 Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2012 “Il-Kummissjoni u l-Eurostat tejbu l-proċess tal-produzzjoni ta’ statistika Ewropea affidabbli u kredibbli?” ..... 21

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2012/C 286/14 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ..... 22

2012/C 286/15 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ..... 22

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 286/16 Sejħa għal proposti – Programm Kultura (2007-2013) – L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm: proġetti ta’ kooperazzjoni fit-tul; azzjonijiet ta’ kooperazzjoni; azzjonijiet speċjali (pajjiżi terzi) u appoġġ għall-korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam kulturali ..... 23

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 286/17 Notifika minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6720 – OAO VTB Bank/Corporate Commercial Bank/Bulgarian Telecommunications Company) – Każ li jista’ jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ..... 29

MT

(1) Test b’relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT